MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Avvi$Z Numru. 60/2002/1

Avviz Nru:-60/02DM

Eden Entertainment Limited

Vs

Frank Barbara

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm2575.03 (elfejn, hames mija u hamsa  sebghin lira Maltin u tlett centezmu) rapprezentanti ammont lilha dovut ghall-servizzi ta' reklamar lilu rezi fuq Bay Radio.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Dicembru 2001 u bl-imghax legali mit-30 ta' Novembru 2001 data ta' l-ahhar invoice, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt  ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Barbara fejn eccepixxa illi:

1 It-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici stante illi l-ammont pretiz ma hux dovut;

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Biex issostnu t-talba taghhom, l-atturi mhux biss ipproducew bhala xhieda is-'Sales executive', Justin Chircop, li kkonferma illi ghal kull reklam illi ghamlu fl-interess tal-konvenut l-istess konvenut kien iffirma l-kuntratti relattivi ui kkonferma ukoll li l-istess reklami kienu effettivament gew imxandra.

Inoltre pproducew ukoll bhala xhud lil Joe Tabone, Credit Controller tal-kumpanija, biex jikkonferma l-ammonti kollha indikati fl-istatement a fol 18 (tal-process) bhala dovuti mill-konvenut u li anke pprezenta l-invoices kollha relattivi in sostenn ta' dan l-istatement.

Min-naha tieghu l-konvenut ma gab ebda prova ohra in sostenn tal-eccezzjonijiet minnhu pprezentati u ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l- Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabies ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta' Lm2575.03 (elfejn hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tlett centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali mit-30 ta' Novembru tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------